

32001D0584

L 213/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.8.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-18 ta' Ġunju 2001****dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jikkonċerna l-parteeipazzjoni tar-Rumanija fl-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent u fin-network Europew dwar l-informazzjoni u osservazzjoni dwar l-Ambjent**

(2001/584/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel supparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Europew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) L-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent u n-network Europew għall-informazzjoni u osservazzjoni kienu stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 1210/90 ⁽³⁾.
- (2) Il-Kunsill Europew tal-Lussemburgu (Diċembru 1997) għamel il-parteeipazzjoni fil-programmi u l-aġenziji tal-Komunità mod kif tiġi stradata l-istrateġija pre-adesjonali għall-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Fil-każ ta' l-aġenziji, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Europew jistipolaw illi "l-aġenziji tal-Komunità li fihom jstgħu japparteċipaw pajjiżi applikanti għandhom jiġu deċiżi każ każ".
- (3) Il-Kunsill Europew ta' Helsinki (Diċembru 1999) irriafferma n-natura inklusiva tal-proċess ta' adesjoni, li issa jikkompreni 13-il pajjiż kandidat f'qafas wieħed bil-pajjiżi kandidati jipparteċipaw indaqs fil-proċess ta' adesjoni.
- (4) Il-Kunsill, fl-14 ta' Frar 2000, awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati dwar il-parteeipazzjoni fl-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent tal-pajjiżi applikanti għall-

adesjoni. Il-Kummissjoni ffirmat l-Att Finali tan-negozjati fid- 9 ta' Ottubru 2000.

- (5) Il-Ftehim kif imsemmi f' din id-Deċiżjoni għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jikkonċerna l-parteeipazzjoni tar-Rumanija fl-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent u n-network Europew dwar l-informazzjoni u l-osservazzjoni hu approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim u spjegat bħala l-Anness ma' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu awtorizzat jiddeposita n-notifika maħsuba fl-Artikolu 18 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-8 ta' Ġunju 2001.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

M. WINBERG

⁽¹⁾ ĠU C 120 E, 24.04.01, p. 227.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fil-31.5.2001 (għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 120, 11.05.90, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 933/1999 (ĠU L 117, 05.05.99, p. 1).